bil-Franċiż u kienet ħaġa naturali li d-Ditti Taljani u Franċiżi mhux se jagħtu ċans lill-Maltin u jbarru lill-kompaeżani tagħhom.

George Vella kien jara mill-bogħod u l-ħidma tiegħu swiet mitqilha deheb.

Meta fil-bidu ta' l-1946 telaq mix-xogħol u rtira, Malta ġie joqgħod f'San Ġiljan. Is-subborg għoġbu u sar midħla tal-Banda u daħal soċju regolari f'Marzu ta' l-1952 u fi Frar tas-sena 1953 tellgħuh Membru tal-Kumitat.

Avolja issa kellu qrib is-70, l-enerġija tiegħu kienet għadha ħajja u ried kieku jagħmel xi ftit tal-ġid lill-Banda. Għalhekk qatagħha li mingħajr ma jtaqqal il-finanzi tal-Każin jiġbor flus biżżejjed biex jagħti lill-Bandisti uniformi ġdida. Kien hemm bosta li għamluha minn buthom u dan għen ħafna biex il-proġett isir malajr.

Il-Membri tal-Kumitat u l-Bandisti kienu jħobbuh ħafna u ħatruh jagħbhala rappreżentant tagħhom fil-*Bands Association*. Kien ukoll jagħmel sehem mis-*Civic Committee* ta' San Ġiljan. Ried kieku jiftaħ Librerija għall-Membri, imma dan il-proġett, kif ukoll xi oħrajn, ma rnexxewx.

George Vella għal bosta raġunijiet kellu jitlaq minn San Ġiljan. Mindu telaq qalbu donnha kienet tnikktet. Is-snin ukoll bdew juru fih u kif għidnielkom fil-bidu, miet fl-4 ta' Lulju, 1962.

Kien twieled il-Birgu fil-11 ta' Novembru, 1884.

---

## DEHRA

Ta' PATRI ĠUŻEPPI CREMONA, O.F.M.

Hemm, fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,
Ħdejn dak il-baħar kwiet, ħdejn Xatt l-Għadira,
Erfajt għajnejja, rajt dehra sabiħa:
Bejn sħab bħan-nar ileqqu, Xebba żgħira.
Rajtha bħas-susan abjad kollu fwieħa.
Rajtha bħax-xemx fis-sebħ. Għidt: "Din l-Amira(1)
Ta' l-Art u tas-Smewwiet, Warda ta' Ariħa"(2)
Bejn dwal u kwiekeb rajtha. Oh dehra kbira!
Hemm, fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,
Rajtha mbikkija tħares lejn dil-Gżira.
Rajt Malta tibki magħha u b'fidi sħiħa
Tgħid: "Aħfer, Xebba, jien tad-dnub irsira".
Ferħan, jien rajt did-dehra hekk sabiħa,
Hemm, fuq dik l-Għolja Mqaddsa tal-Mellieħa,

Nota: (1) Amira, mill-kelma "amar", jikkmanda: bl-Għarbi "amira" tfisser "Prinċipessa" jew "Bint is-Sultan".
(2) Warda ta' Ariħa: "Rosa ta' Ġeriku" (Eccl).

Ramle, Israel,
28 ta' Awissu, 1963.



## ALLAT TAL-ĠEBEL

Ta' DUN FRANS CAMILLERI

Kien żmien tad-dlamijiet...
Il-bnedmin,
imċaħħdin miċ-ċiviltà,
emmnu fl-allat, u biex jagħtuhom qima
waqqfu l-ġebel ma' xulxin
u nxteħtu mwerwra lejl u nhar quddiemhom
għax fix-xbihat tal-ġebel, kbir u għoli,
lemħu l-kobor ta' l-allat.

* * *

U feġġ il-jum tad-Dawl.
Wara Kristu li ċarrat id-dalma
u xandar lil Alla — Alla Wieħed —
mhux bħall-allat tal-ġebel imma spirtu,
iġġarrfu t-tempji u x-xbihat ta' Ruma
u nbnew il-bażilki tal-għaġeb
fejn l-eluf kbar ta' Nsara
taw qima 'l Alla u raw il-kobor Tiegħu
fiċ-ċokon tax-xbihat ta' Ħobż u Nbid.

* * *

Il-lum iċ-ċiviltà xterdet mad-dinja
u ngħixu ż-żmien tad-dawl...
Iżda l-bażilki l-kbar li jżejnu 'l Ruma
qdiemu bħat-tifkiriet
u sfaw mużewijiet ta' l-arti
fejn jidħlu n-nies għarriexa
mhux biex iqimu 'l Alla
imma biex juru l-ikbar għożża u qima
lejn dak il-ġebel — ġebel kbir u għoli —
li jilmħu fih il-kobor tal-bnedmin.